MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 481/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. David Saliba)**
**Vs**
**John Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1. fuq talba ta' l-Awtorita' ghas-Sahha w is-Sigurta' fuq il-post tax-xoghol gie akkuzat li bhala l-propjetarju tas-sit tal-kostruzzjoni u klijent li ghalih qieghed isir xoghol fis-sit tal-kostruzzjoni sitwat fi Triq Hompesch, Zurrieq nhar it-3 ta' Gunju, 2010, matul il-gurnata w/jew fil-granet ta' qabel, naqas milli jahtar supervisor ghall-progett ghall-istadju tad-disinn u supervisor tal-progett ghall-istadju tal-kostruzzjoni u dan ai termini ta' l-artikolu 3(1) ta' A.L. 281/2004;

2. fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqas illi jikkomunika avviz bil-quddiem lill-Awtorita' ta' lanqas erba' gimghat kalendarji qabel ma jibda x-xoghol. Galadarba jibda xi attivita' ta' xoghol fuq il-progett, kopja ta' l-avviz bil-quddiem ghandha tkun esposta b'mod car fuq is-sit tal-kostruzzjoni u, jekk ikun hemm bzonn din ghandha tkun aggornata perjodikament u dan ai termini ta' l-artikolu 4(1) ta' A.L. 281/2004;

3. fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqas milli jzomm files dwar sahha w sigurta' w kull informazzjoni ohra relevanti dwar is-sahha w is-sigurta', w jqieghedhom ghad-disposizzjoni ta' kull min ikun irid jispezzjonhom u li jkun jinhtieg l-informazzjoni mill-file biex ihares kull obbligazzjoni li tohrog mill-ligi u dan ai termini ta' l-artikolu 3(2) ta' A.L. 281/2004.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Ottubru, 2010, li biha wara li rat l-artikoli 3(1) tal-A.L. 281/2004, artikolu 4(1) tal-A.L. 281/2004 u Artikolu 3(2) tal-A.L. 281/2004 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ma sabitx lill-appellat ħati u għaldaqstant illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-15 ta' Novembru, 2010, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u issib lill-appellat imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontrih.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti u cioe':-

**Illi l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellat imputat mhux minhabba nuqqas ta' provi iżda semplicement minħabba *lapsus calami*.**

Illi l-appellat imputat gie identifikat kemm bhala l-persuna jidher fl-awla ghall-akkuzi dedotti kontrih kif ukoll fuq it-taħrika tramite, l-eta’ tiegħu, l-ġenituri tiegħu, l-post u d-data tat-twelid, kif ukoll l-indirizz tar-residenza tieghu.

**Illi in awla ma tqajjem ebda dubju li l-appellat imputat preżenti kien unikament l-istess John Cassar li ghalih kien hemm referenza fuq it-tahrika.**

Illi izda irrizulta bi zvista ta’ *“lapsus calami”* li numru wiehed biss, l-ahhar numru fuq il-karta ta’ l-identita’ gie miktub bhala “6” minflok “1” u kien minħabba f’hekk li l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellat imputat minn kull htija.

Illi l-iskop tat-tahrika hija sabiex l-imputat ikun jista’ jifhem ir-reati ta’ liema huwa akkuzat bihom u sabiex jidher quddiem il-Qorti izda l-istess Qorti mhiex marbuta b’din l-istess sitwazzjoni u jistgħu isiru kull korrezzjoni jew proċedimenti meħtiega.

Illi hemm diversi sentenzi dwar dan il-punt u l-Qorti dejjem fehmet il-punt li sabiex issir gustizzja trid tidher li qeghda ssir. Illi jkun a skapitu tal-gustizzja jekk ikun hemm liberazzjoni ta’ imputat dwar reat, sahansitra jista’ jkun dwar omicidju, stupru ecc, minħabba semplicement biss sostituzzjoni ta’ numru b’iehor fuq karta ta’ identita’ meta m’hemmx dubju dwar l-identita’ ta’ l-imputat u l-qofol tal-htija w liberazzjoni sabiex issir gustizzja hija dwar il-provi u x-xhieda.

Illi l-fatt li hemm indikat l-eta’ ta’ 49 sena ta’ John Cassar turi bic-car li s-sena ghal liema qed issir referenza hija dik ta’ 1961, li hija kkoroborata bid-data tat-twelid tas-6 ta’ April, 1961. Illi n-numru tal-karta ta’ l-identita’ isservi biss bħala t-tielet mezz ta’ identifikazzjoni, izda certament mhux l-uniku mezz u fuq liema l-Qorti straħet bhala r-raguni tal-liberazzjoni.

Illi in fatti l-persuna li dehret bhala l-imputat quddiem il-Qorti kien infatti l-persuna “koretta” bħala John Cassar u kien dan l-istess John Cassar li kien l-imputat u l-persuna maghruf minn Melhino Mercieca u li ghalih hemm

referenza fuq id-dokument esebit a folio 5 ta’ l-atti processwali juri bic-car li ma kien hemm ebda problema dwar identifikazzjoni ta’ l-imputat.

Illi bl-akbar rispett, jekk il-Qorti ingabet ghall-attenzjoni taghha *“lapsus calami”* ta’ numru b’iehor, il-Qorti kellha kull dritt li tordna l-korezzjoni ta’ dan l-iżball żghir u tissalvagwarda l-procedura tal-kaz minflok tuża dan il-*“lapsus calami”* bħala ġustifikazzjoni għal-liberazzjoni.

Ikkonsidrat

L-ewwelnett, fl-assenza tar-reġistrazzjoni tal-provi, il-Qori semgħet ix-xhieda mill-ġdid u ordnat li l-appelli 481/2010 u 484/2010 jinstemgħu kontestwalment.

It-tieni, is-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti tgħid dan:

‘Din il-Qorti ma ssibx lill-imputat ħati u għaldaqstant tilliberah.’

L-Avukat Ġenerali qed jallega li l-Ewwel Onorabbli Qorti illiberat lill-appellat minħabba *lapsus calami* dwar in-numru fil-karta tal-identita’ għaliex l-aħħar nurmu kellu jkun 1 u mhux 6.

Fil-verbal a fol 2 hemm imniżżel hekk:

‘*Xehed Melino Mercieca li ppreżenta d-dokumenti.*

*Il-Prosekuzzjoni tiddikjara li għalqet il-provi.*

*Id-difiża tiddikjara li m’għandhiex provi.*

*Il-partijiet ittrattaw.*

Kawża deċiża.’

**Xhieda quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.**

Quddiem din il-Qorti xehed xhud wieħed biss. Dan kien **Melino Mercieca** li qal li kienet saret spezzjoni fit-3 ta' Ġunju 2010 flimkien mal-kollega tiegħu s-sur Clifton Cachia ġo sit tal-kostruzzjoni li tinsab ġewwa Triq Hompesch fiż-Żurrieq. Hemm kien tkellem mas-sur Joseph Farruiga (95877(M) u s-sur Paul Farrugia (ID 255371(M)) fil-kapaċita' tagħhom ta' kuntratturi, liema nies huwa kien qed jagħraf fl-awla.

Waqt l-ispezzjoni kien innota diversi nuqqasijiet fosthom dawk ta' riskji ta' waqgħat mill-għoli fejn kien hemmm partijeit li ma kellhom ebda lqugħ.

Barra minn hekk is-site kienet miftuħa għal terzi, speċjalment għal tfal żgħar.

Barra dan ma kienx hemm nuqqasijiet oħra li ma kienx hemm sijnjali ta' saħħa u sigurta' li jindikaw li hija sit tal-kostruzzjoni.

Huwa kien (a) waqqaf ix-xogħol u (b) ta ordni lis-sur Joseph Farrugia u lis-Sur Paul Farrugia biex jindirizzaw dawn in-nuqqasijiet.

Fl-istess jum fit-3 ta' Ġunju 2010, għall-ħabta tat-tlieta neqsin kwart għamel meeting mas-sur John Cassar (238661(M)) fil-kapaċita' tiegħu bħala sid tal-binja in kwistjoni. Dan ma kienx qabbad projects supervisor tad-design stage u lanqas projects supervisor tal-construction stage. Lanqas kienet saret il-constructions notification form li suppost tintbagħat sa erba' ġimgħat qabel ma jibda l-proġett.

Ma kienx sar ukoll il-Health and Safety File.

Ix-xhud ordna lis-sur Cassar biex is-site tingħalaq immedjatametn u biex ir-riskji ta' waqgħat mill-għoli jkunu indirizzati. Is-sur Cassar kien ukoll ordnat li jaħtar projects supervisor kemm għad-design stage kif ukoll għall-construction stage.

Ix-xhud qal li kien akkwista id-dettalji dwar l-ID Cards minn għand il-persuni msemmija personalment inkluda dik tas-sur Cassar. Huwa kien kellem lill-persuni kollha personalment.

Fil-kontro-eżami x-xhud kien mistoqsi minn Dr Roberto Abela jekk waqt li kien qed jixhed quddiem l-ewwel Qorti kienx semma l-persuni b'ismijiet u bl-ID Card.

Ix-xhud wieġeb li kien semma l-persuni min huma, ma' min iltaqa' u ma' min tkellem. L-ID card ma kienx semmieha. Lanqas ma kien identifika l-persuni personalment fl-awla. Lanqas ma kien identifika lis-sur Cassar iżda semma li huwa hu s-sur Cassar.

Fir-ri-eżami huwa kien mistoqsi dwar x'kienet ir-reazzjoni tad-difiża meta huwa xehed bil-mod imsemmi fil-paragrafi ta' qabel quddiem l-Ewwel Qorti u hu ma tax 'din l-informazzjoni'. Ir-risposta kienet li ma kein hemm ebda reazzjoni.

**Trattazzjoni**

Il-Prosekuzzjoni rreferiet għar-rikors promotur. Qalet ukoll li r-raġuni għala għandek il-liberazzjoni kienet purament fuq punt ta' lapsus calami fis-sens bħala identifikazzjoni ta' min kine l-akkużat u mhux fuq il-mertu.

Dr.Marion Camilleri, li kienet qed tidher għas-sur John Cassar, issottomettiet li s-sur Cassar ma kienx ġie liberat minħabba żball fin-numru tal-karta tal-identita' iżda għaleix ix-xhieda li telgħu jixhdu ma identikawx il-persuni li qed jixhdu dwarhom bħala l-istess akkużati fl-Awla. Ix-xhud Melino Mercieca ma kienx semma l-ID Card quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Meta x-xhud semma, per eżempju, lil Paul Farrugia, huwa qatt ma qal li Paul Farrugia li kien qed jixhed dwaru kien l-akkużat. Din kienet ir-raġuni għala l-Ewwel Qorti ħasset li kellha tillibera lill-appellati. Ma saritx l-identifikazzjoni fiżika. Ma jistax issa, fi stadju tal-appell, jissewwa żball li sar quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

Il-Prosekuzzjoni wieġbet li qatt ma kien hemm dubju li kien hu. Kieku kienet motivata fuq il-fatti ma kienx hemm l-ebda mod kif jiġi liberat.

Id-Difiża ssottomettiet li l-appellati ma ġewx liberati fuq il-fatti iżda ġew liberati għax ix-xhieda ma identifikawx lil John Cassar bħala l-persuna li qiegħed fl-Awla bħala l-imputat – dak hu l-qofol ta' kollox.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

L-ewwelnett l-Avukat Ġenerali seta' jappella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali minħabba li l-artikolu 38(7) tal-Kap 424 (Liġi Speċjali) jagħtih is-setgħa li jagħmel dan. Hawnhekk mhux marbut bir-restrizzjonijiet tal-artikolu 413(1)(b) tal-Kap 9.

It-tieni. Din il-Qorti għandha quddiemha kemm is-sentenza miktuba bl-idejn mill-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll kopja tas-sentenza ittajpjata u fit-tnejn mhemmx x'inhuma r-raġunijiet għala l-Qorti ddeċidiet li tillibera.

It-tielet, il-Qorti kellha tisma' l-provi mill-ġdid għaliex dawk li nstemgħu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kinux reġsitrati u / jew ma kinux dattilografati.

Ir-raba': il-qofol tal-appell tal-Avukat Ġenerali huwa dan:

**'L-Ewwel Onorabbli Qorti a bażi tal-provi skaċċjanti kellha ssib lill-appellat imputat ħati tar-reati dedotti kontrih.**

**L-ewwel Onorabbli Qorti illiberat lill-appellat imputat mhux minħabba nuqqas ta' provi iżda sempliċiment minħabba lapsus calami......**

Illi in awla ma tqajjem ebda dubjku li l-appellat imputat preżenti kien unikament l-istess John Cassar li għalih kien hemm referenza fit-taħrika.'

Fil-paragrafi susssegwenti ( 6 b'kollox) , l-Avukat Ġenerali jkompli jagħfas fuq id-diskrepanza li kien hemm fl-aħħar

numru tal-karta tal-identita' u li kienet din id-diskrepanza li wasslet għal-liberazzjoni.

Il-ħames. Id-difiża ma qablitx li din kienet ir-raġuni għal-liberazzjoni. Fil-fatt, fil-kontro-eżami (ara mistqosija ta' Dr Robert Abela) u fit-trattazzjoni (ara s-sottomissjoni ta' Dr Marion Camilleri) għafset li l-liberazzjoni seħħet minħabba ma saritx l-identifikazzjoni.

Iżda dak li qed jiġi sottomess mill-Avukat Ġenerali u mid-Difiża mhux rifless fil-proċess.

Id-difiża ssottomettiet li d-dubju għandu jmur favur l-imputat. Il-Qorti għarblet din is-sottomissjoni wkoll iżda qed tiddeċiedi li kif seħħew l-affarjiet quddiem l-Ewwel Qorti mhix kwistjoni ta' 'in dubio pro reo' iżda ta' x'hemm miktub u miżmum fl-atti. Fuq dan m'hemmx dubju u l-Qorti swer timxi fuqu.

**Karta tal-Identita'**

Hemm prova (a fol 1) dwar in-nuqqas ta' eżatezza fin-numru tal-karta tal-identita' għaliex l-appellat jidher indikat hekk: 23866(M) waqt li fil-Client Details – a fol 5 – jidher indikat 238661(M) u l-istess jidher fil-kuntratt ta' bejgħ (fol7). U jekk tnaqqas l-eta' ta' 49 sena mis-sena 2010 (is-sena tal-allegat reat) l-aħħar figuri għandhom ikunu 61. Għalhekk fiċ-ċitazzjoni n-numru tal-Identity Card huwa ħażin. Iżda fil-fehma tal-Qorti hemm dettalji oħra biżżejjed li jagħżluh minn kull persuna oħra. Barra minn hekk m'hemmx il-ħtieġa tan-numru tal-Karta tal-identita' f'każi sommarji li lanqas hija 'sine qua non' għall-każi aktar serji (ara artikolu 392(1)(a) tal-Kap 9. (Eżami tal-imputat fejn ma tissemma ebda karta tal-identita').

**Identifikazzjoni**

Mill-provi **quddiem din il-Qorti** li l-uniku xhud li kellha l-Prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, meta mistoqsi mill-Avukat Difensur jekk kienx identifika lill-appellat imputat, ix-xhud wieġeb:

‘Le. Li semmejt huwa li hu s-sur John Cassar.’

Issa l-kwistjoni hi jekk l-identifikazzjoni mix-xhud hix indispensabbli quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

Il-Qorti qieset dan li ġej:
(a) Il-Kap 9 ma jirrikjedix din l-identifikazzjoni espressament;
(b) li f’dan il-każ l-appellat imputat jew id-difiża tiegħu ma qajmet ebda reazzjoni dwar dan waqt li kien qed jinstema’ x-xhud.
(ċ) Barra minn hekk, waqt is-smigħ ta’ kawża, fl-Awla jkun hemm min ikun ġie mħarrek partikolarment meta jissejjaħ il-każ.
(d) Fuq kollox, l-aktar importanti huma li wieħed iwieġeb għas-sejħa u l-konnotati u mhux li wieħed ikun identifikat. Jista’ jmur spettur ta’ xi dipartiment – hu li hu - li jieħu l-particulars (kif sar f’dan il-każ) iżda li mhux bilfors jagħraf personalment lill-persuna partikolari meta dan jidher fl-Awla għax ikun għadda xi ftit taż-żmien, jew għax ikollu mitt każ ieħor tal-istess xorta jew għax il-memorja ma twassalx. Hawn bilfors ikollu jistrieħ fuq il-karti.

(e) Fl-aħħarnett, - u dan qed jingħad biss super abundantia cautela - din il-Qorti semgħet il-provi ex novo. U din id-darba ma kienx hemm dubju dwar min kien involut fl-allegati reati.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad is-sottomissjoni tad-difiża li għax ma saritx l-identifikazzjoni allura l-imputat għandu jkun liberat. Qed tiċħad ukoll is-sottomissjoni tad-difiża, li skont hi, ‘ma tistax tissana żball li sar quddiem l-Ewwel Qorti’. Hemm differenza enormi bejn li xhud ma jagħrafx lil min aggredih jew iffrodah. Hawn l-identifikazzjoni hija importanti. Iżda f’każi bħal dawk ta’ llum – jiġifieri ta’ bixra amministrattiva u li huma intiżi biex joffru protezzjoni lill-ħaddiem u liċ-ċittadin – is-sitwazzjoni hija għal kollox differenti. Dan ma jfissirx li l-Prosekuzzjoni tista’ taqbad u twaħħal f’dak jew fl-ieħor u ġġib quddiem il-Qorti nies li m’għandhomx x’jaqsmu. Kieku jsir hekk ir-reazzjoni hawn tkun waħda loġika u naturali : jien x’għandi x’naqsam? M’hemm xejn f’dan il-proċess li sar hekk. F’dan il-każ in-

nuqqas ta’ identifikazzjoni – jekk tassew din ma saritx - ma twassal għall-ebda liberazzjoni.

Fil-mertu, ix-xhieda ta’ Melino Mercieca hija ċara biżżejjed u ma kienet kontradetta b’xejn. Din il-Qorti għalhekk qed issib lill-imputat ħati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih.

**Konklużjoni**

**Għaldaqstant il-Qorti qed tirrevoka s-sentenza mogħtija fis-27 t’Ottubru 2010 fejn il-Qorti tal-Maġistrati kienet illiberat lill-imputat appellat mit-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih u minflok (din il-liberazzjoni) wara li rat l-artikolu 17(f) tal-Kap 9, ir-regolamenti 3(1), 4(1) u 3(2) tal-Avviż Legali 281 tas-sena 2004 qed issib lill-imputat ħati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih u qed tikkundannah iħallas €931.74 (disa’ mija u wieħed u tletin Ewro u erbgħa u sebgħin Eurocent) liema multa tista’ titħallas b’rati ta’ mit Ewro kull erba’ ġimgħat bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba’ ġimgħat mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------